

- 4) Il-Kummissjoni għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.
- 5) Changmao Biochemical Engineering għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 366, 24.11.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2018 – El Corte Inglés vs EUIPO – WE Brand (EW)**

(Kawża T-241/16) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva EW — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti WE — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2018/C 221/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. L. Rivas Zurdo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Botis u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: WE Brand Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. van Oerle u L. Bekke, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Frar 2016 (Każ R 426/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn WE Brand u El Corte Inglés.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-11 ta' Frar 2016 (Każ R 426/2015-2) hija annullata.
- 2) L-EUIPO u WE Brand Sàrl għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti minn El Corte Inglés, SA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 251, 11.7.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – HK vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-574/16) <sup>(1)</sup>

**(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Pensjoni tas-superstiti — Kundizzjonijiet għall-għoti — Kundizzjoni ta’ anzjanità taż-żwieġ — Sħubija mhux matrimonjali — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal”)**

(2018/C 221/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: HK (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Tymen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenuta:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn M. Bauer u M. Veiga, sussegwentement minn M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrent il-benefiċċju tal-pensjoni tas-superstiti u, de la décision de la Commission refusant d'octroyer au requérant le bénéfice de la pension de survie et, u jekk meħtieġ, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, li tikseb kumpens għad-danni materiali allegatament subiti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħuda.
- 2) HK huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 59, 15.2.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-Numru F-151/15 u trasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – Malta vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-653/16) <sup>(1)</sup>

*(“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżmuma mill-Kummissjoni — Dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru — Dokumenti skambjati fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd — Artikolu 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 — Aċċess tal-pubbliku bħala riżultat ta' applikazzjoni ppreżentata minn organizzazzjoni mhux governattiva — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Obbligu ta' motivazzjoni — Kooperazzjoni leali — Għażla tal-bażi legali”)*

(2018/C 221/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Malta (rappreżentant: A. Buhagiar, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2016 dwar applikazzjoni konfermatorja ppreżentata minn Greenpeace għal aċċess għal dokumenti dwar kunsinna allegatament irregolari ta' tonn ħaj mit-Tuneżija lejn fish farm għat-*tkabbir* tat-tonn li jinsab f'Malta, sa fejn tagħti lil Greenpeace aċċess għad-dokumenti li joriġinaw mill-awtoritajiet Maltin.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Lulju 2016 dwar applikazzjoni konfermatorja ppreżentata minn Greenpeace għal aċċess għal dokumenti dwar kunsinna allegatament irregolari ta' tonn ħaj, mit-Tuneżija lejn Malta, hija annullata sa fejn tagħti lil Greenpeace aċċess għad-dokumenti elenkati fl-Anness B tagħha bin-numri 112 sa 230.